MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru 1114/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**BERNARD GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Bernard Grima ta' 64 sena, bin Carmel u Maria nee' Busuttil, imwieled Ghaxaq fl-1 ta' Mejju 1946, residenti f'53, Pearl, Triq Sir Paul Boffa, Zejtun u detentur tal-karta ta' l- identita' bin-numru 411446(M)

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Mejju 2009 jew fil-jiem ta qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista

lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz u cioe certifkat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx giet ittestjata.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok YF3 u nnutat li l-imputat Bernard Grima m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 42(a) u 42(d) u 188 tal-Kap. 9 u ir-Regolament 25(b) tal-SL 65.15.

Issib lill-imputat Bernard Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza

u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-imputat Bernard Grima taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Bernard Grima l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------